MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 339/2010/1

**Lighthouse Communications Ltd (C 21425)**

**vs**

**Joseph Micallef (I.D. 168357(M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-23 ta' Mejju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunza s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li qed titlob is-somma ta' elf mitejn u sittax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,216.23) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lill-*

*konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx. Illi minkejja li gie interpellat ihallas diversi drabi il-konvenut baqa' inadempjenti (vide kopja tal-ittra bonarja datata 3 ta' Awwissu 2009). Intalbu wkoll l-imghaxijiet dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament bl-oghla rati permessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra bonarja fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u li gie pprezentat kontestwalment mal-Avviz.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi, qabel xejn l-ammont pretiz mhux dovut kollu stante illi l-invoice datata 2 ta' Dicembru, 2007, fl-ammont ta' mija u sittax-il ewro, sebgha u erbghin centezmu (€116.47) hija debitament imhallsa.*

*Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni hija s-socjeta' attrici li hija debitrici tal-konvenut stante li kkawzat danni kif pretiz fil-kontro-talba.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Illi l-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn ippremetta s-segwenti:-*

*Illi s-socjeta' attrici ppubblikat fuq il-magazine taghha riklam identiku fuq inkarigu ta' kompetitur tal-konvenut.*

*Illi dan agir ikkawza danni lill-konvenut.*

*It-Tribunal huwa mitlub li:-*

*i) jiddikjara illi s-socjeta' attrici kkawzat danni lill-konvenut minhabba dak fuq premess;*

*ii) tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut;*

*iii) tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenut id-danni likwidati.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut, fejn ippremettiet illi preliminarjament, dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza ratione materiae biex jikkonsidra u jiddeciedi t-talbiet tal-konvenut rikonvenjent, u dan stante l-fatt illi dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus fl-ammont ta' mhux izjed minn tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494,06) u dan ai termini tal-Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi inoltre u ukoll in linea preliminari, l-kontro-talba intavolata mill-konvenut rikonvenjent hija nulla u bla effett ai termini ta' l-Artikolu 789 (1) (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-kontro-talba mhijiex konnessa mat-talba tas-socjeta' attrici rikonvenuta hekk kif rikjest fl-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet tal-konvenut rikonvenjent huma infondati fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti fuq l-ewwel zewg eccezzjonjiet fir-risposta tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut.*

*Ikkunsidra*

*Dak li ser jigi deciz b'din is-sentenza preliminary huma z-zewg eccezzjonijiet tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut.*

***1, Inkompetenza Ratione materiae.***

*Is-socjeta` attrici ressqet dina l-eccezzjoni peress li ghalkemm il-konvenut ghamel kontro-talba ghad-danni, ma indikax l-ammont li kien qed jippretendi.*

*Il-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija kompetenti li tisma' talbiet ta' flus ta' mhux izjed minn tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494,06) u dan ai termini tal-Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fin-nota tieghu, l-attur jammetti li l-pretensjonijiet tieghu in kwantu jirrigwarda d-danni, ma kienx jeccedi l-ammont surreferit.*

*Huwa minnu li kif saret il-kontro-talba l-ammont pretiz huwa valur incert u indeterminat, izda minhabba li saret dina d-dikjarazzjoni da parti tal-konvenut, it-Tribunal mhux ser jilqa' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza minhabba l-valur, ghax effettivament, il-konvenut iddikjara li dispost li l-kawza tibqa' fil-limitu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal.*

2. ***In-nullita' tal-kontro-talba***

*Is-socjeta' attrici qed tecepixxi n-nullita' tal-kontro-talba u dan ghaliex mhix marbuta mat-talbiet taghha. Is-socjeta' qed titlob hlas ghal servizzi rezi lill-konvenut.*

*Da parti tal-konvenut, qieghed jitlob rizarciment ta' danni, ikkagunata meta sar reklamar minn socjeta' li kienet kompetitur tal-konvenut.*

*Is-socjeta` attrici tinsisti li l-kontro-talba mhix relatata mal-istess fatt li fuqu giet ibbazata l-kawza. L-obbligu li ma jsirx reklamar tal-kompetituri, ma kienx johrog mal-kuntratt taghhom, li kellhu mal-konvenut.*

*Madanakollu, fir-rigward ta' din l-eccezzjoni t-Tribunal jirrileva illi l-interpretazzjoni li l-konvenut jista' jaghti hija li b'azzjoni ghad-danni, huwa kien qed jittenta li ssir tpacija jew altrimenti li jimpedixxi l-effetti tat-talbiet attrici. F'dan is-sens biss, it-Tribunal ihoss li t-talba ghal hlas tad-danni saret minhabba li s-socjeta' attrici allegatament irreklamat*

*lill-kompetituri tal-konvenut u f'dan is-sens sehhew id-danni u minn naha tieghu l-konvenut jippretendi li ma jhallasx lis-socjeta' attrici bhala tpacija.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li hemm nexus bejn iz-zewg talbiet u bhala tali l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta'*
*attrici ghal kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi michuda u konsegwentement dan it-Tribunal jkun jista' jsima' l-provi fuq il-mertu u jiddeciedi fuq l-istess.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' attrici u thalli l-kawza ghas-17 ta' Gunju, 2011. L-ispejjez relativi ghall-ewwel eccezzjoni, minhabba li l-istess eccezzjoni giet provokata mill-konvenut ghadhom jigu sopportati minnu mentri dawk tat-tieni eccezzjoni, minhabba n-natura tal-istess, ghandhom jigu sopportati mill-partijiet ugwalment bejniethom.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' appellanti Lighthouse Communications Ltd (C 21425) datat 13 ta' Gunju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza in parte appellata u tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Herrera rrimetta ruhu ghan-nota ta' sottomissjonijiet li hu pprezenta quddiem l-ewwel Qorti. Dr. Axiak irrimetta ruhu ghall-atti minnu pprezentati wkoll. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-21 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) fl-ismijiet premessi datata 23 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens (1) it-Tribunal ma kellux kompetenza *rationae materiae* sabiex jisma` l-kontro-talba u dan ghaliex il-valur fl-istess rikonvenzjoni kien valur incert u indeterminat u ghalhekk bhala tali din tezorbita mill-kompetenza tal-istess Tribunal a bazi tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380** li hija limitata talba ta’ flus fl-ammont ta’ €3,494.06 u d-dikjarazzjoni li saret fin-nota ta’ sottomissjonijiet fejn tali kontro-talba gie ddikjarat li ma teccedix tali ammont ma hijiex bizzejjed; (2) il-kontro-talba hija nulla ghaliex ma hijiex gejja mill-istess fatt, la mill-istess kuntratt u lanqas mill-istess titolu, u wkoll mhux kull fatt li l-ghan tieghu jkun li jgib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jrendhiex gustifikat invarjabilment it-tressiq ta’ att gudizzjarju fl-ghamla ta’ rikonvenzjoni u dan b’riferenza ghall dak li nghad fis-sentenza **“Joseph Scerri vs Anna Fenech et”** (P.A. (JRM) – 3 ta’ Lulju 2003).

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju u thoss li la darba mill-atti jirrizulta li l-appellat illimita l-kontro-talba ghall ammont li ma jesorbitax il-kompetenza tat-Tribunal, mela allura l-istess Tribunal huwa kompetenti; se mai jekk tali dikjarazzjoni tigi kkunsidrata li nghatat biss fin-nota ta’ osservazzjonijiet qabel is-sentenza, din tista’ tittiehed in konsiderazzjoni biss sabiex jigi deciz il-kap tal-ispejjez, izda certament mhux sabiex jinghad li l-ammont baqa’ indeterminate u ghalhekk it-Tribunal jiddikjara ruhhu nkompetenti. B’hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi t-tieni aggravju kif inghad fis-sentenza **“Frank Tonna vs Alfred Debattista et”** (P.A. (RCP) – 3 ta’ Mejju 2007) l-**artikolu 396 tal-Kap.12** jiddisponi li kontro-talba hija permessa (a) meta tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta’ l-

attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.

Illi din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"Mario Cassar et vs Cole Foods Limited"** (P.A. (RCP) – 7 ta' Dicembru 1999 - Cit. Nru: 634/98/RCP) irreferiet ghall-kawza fl-ismijiet **"Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited et"** (Citaz. Numru 881/97/RCP) deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, u ghall-kawza **"Dr. Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud"** (Citaz. Nru. 2302/97/RCP) deciza fl-1 ta' Gunju 1999 fejn gie rilevat illi tali kontro-talba hija permessa meta hemm:-

(i) *La communanza di origine delle causi e vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolu, ovvero;*

*(ii) La eliminazione reciproca delle due domande che esiste non solo in caso di pretesa compensazione, ma anche quando le domande dell' attore verebbe a esser <u>in qualche altro modo</u> perente, ovvero benche il vincolo permanga, pure non posse produrre ulteriori effetti.* **("Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin nomine"** – K (A.M) 24 ta' Frar 1930).

Illi fis-sentenza **"Gasan Insurance Agency Ltd noe vs Simon Soler et"** (A.I.C (PS) – 22 ta' Novembru 2002 - 863/99/PS) intqal li:-

*"Effettivament l-estremi rikjesti ghar-rikonvenzjoni skond l-imsemmi artikolu jikkonsistu fl-ispjega elokwenti li nsibu fid-decizjoni klassika fuq din il-materja, riportata a Vol XXVII p1 p895:*

*(i) 'nella comumanza di origine delle <u>due cause</u>', ovvero;*

*(ii) nella eliminazione reciproca delle <u>due domande</u>.*

Illi fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Anna Fenech et"** (P.A. (JRM) 3 ta' Lulju 2003 - Cit. Nru: 1672/2001/JRM) gie ritenut li:-

*"Hawnhekk, il-Qorti thossha fid-dmir li taghmilha cara li l-fatt li l-ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa konriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici ssejjah 'specjali'".*

Illi l-isess Qorti kompliet tghid:-

*"Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-kontro-talba, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Ghalhekk, b''konnessjoni' wiehed certament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha (Ara per ezempju, App. iv. 5/10/2001 fi-kawza fl-ismijiet* ***Sammy Meilaq noe vs Oral Attinel pro et****). Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss".*

Illi mbaghad fis-sentenza **"AirMalta plc vs Lawrence Borg noe"** (P.A. (JRM) – 30 ta' Gunju 2004 -Cit. Nru: 791/03/JRM) intqal li:-

*"Hawn wiehed ma jistax jirreferix ghall-kliem 'istess kuntratt' jew 'fatt' li wiehed isib fl-imsemmi artikolu 396. Huwa stabilit li b''fatt' wiehed jifhem dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika (Ara* <u>Digesto Italiano</u> *(Vol IX) Voce 'Fatto' pa 548-9 u App.*

*Kumm 6/02/1985 fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Grazia Fava vs Salvino Farrugia*** *(mhix pubblikata))".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami ma hemm l-ebda dubju li l-kontro-talba kif maghmula hija intiza sabiex tpaci l-ammont reklamat mis-socjeta' appellanti ma' dak pretiz mill-appellat konvenut u ghalhekk taqa' fil-parametri tal- **artikolu 396 tal-Kap.12** u hawn issir riferenza ghas-sentenza gja citata **"AirMalta plc vs Lawrence Borg noe"** (P.A. (JRM) – 30 ta' Gunju 2004) fejn inghad li hemm bazi ta' kontro-talba anke *"l-imharrek ikollu l-hsieb li bil-kontro-talba tieghu ipaci jew igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew izomm l-effetti taghha".*

Illi ghalhekk dan l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell interpost bir-rikors tal-appell tas-socjeta' attrici Lighthouse Communcations Limited datat 13 ta' Gunju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk tikkonferma s-sentenza preliminari tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Lighthouse Communications Ltd vs Joseph Micallef" datata 23 ta' Mejju 2011 (Talba Numru 339/2010/GMA) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tibghat u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz ikompli jisma` l-kawza attrici u l-kontro-talba tal-konvenut, u jiddeciedi l-istess fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tas-socjeta' appellanti Lighthouse Communications Ltd.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------